



# Lill-Emigranti Marsin

*Alfred Caruana*

Meta wieħed ikun għaddej minn fejn is-Salib tal-Marsa jilmaħ għadd ġmielu ta' immigranti ta' kulur skur bilqiegħda biex forsi xi ħadd iqabbadhom biċċa xogħol. Dawn ġew Malta mhux b'xi kumbinazzjoni imma biex isibu ħajja aħjar għax f'pajjiżhom kienu ppersegwitati, bla xogħol jew imfittxija għall-mewt. Għalhekk għamlu pass ta' sogru li bih sabu ruħhom fuq xtutna.

Dan ifakkarni f'nies oħra – il-Maltin, fosthom ukoll il-Marsin, li telqu bl-eluf bħala emigranti biex jibdew ħajja ġdida f'artijiet li ħafna drabi ma kinux jafuhom. Dawn kellhom iħallu lill-familja u lil pajjiżhom biex isibu xogħol xieraq imma ftit nafu l-esperjenzi, l-isfidi, it-tbatija u l-avventuri tagħhom.

L-emigrazzjoni ma bdietx ilbieraħ u kienet fl-aqwa tagħha meta wara l-ewwel u t-tieni gwerra dinjija x-xogħol naqas ferm ġo pajjiżna. Kull meta tispiċċa gwerra dejjem kien ikun hemm ħafna sensji minn mas-Servizzi, speċjalment minn mat-tarzna, u għalhekk ladarba x-xogħol jonqos kien jiżdied il-faqar. Kien dan li wassal lil ħafna Maltin, fosthom il-Marsin, biex tefgħu għajnejhom fuq pajjiżi lil hinn minna. Fl-għoxrinijiet tas-seklu l-ieħor bdiet l-emigrazzjoni lejn l-Amerika, imbagħad il-Kanada, l-Ingilterra u l-Awstralja. Biex iħajru lill-Maltin jemigraw l-awtoritajiet kienu ħarġu skema, jgħidulha *Assisted Passage,* fejn il-gvern kien joħrog passaġġ irħis għal min ikun irid jemigra. Dan kien ta' bejn ħames jew għaxar liri Maltin u kien jingħata wara li l-gvern ikun assigurat li għandhom ċertifikat ta' saħħa normali, approvazzjoni ta' rappreżentant mill-Awstralja jew mill-pajjiż li jridu jmorru fih u assigurazzjoni li meta jmorru joqogħdu f'dik l-art li għażlu jkollhom akkomodazzjoni xierqa fejn jgħixu.

B'dawn l-inċentivi l-Maltin tħajru sabiex ikunu jistgħu jsibu xogħol f'pajjiż ieħor. M'hemmx għalfejn ngħidu, kważi xi ħadd minn kull familja jew mill-qraba tagħhom spiċċaw emigraw. Ngħid għalija, jien għandi tliet kuġini l-Awstralja. Għadni niftakar il-kuġin tiegħi Viktor, li kien ukoll il-parrinu tal-Griżma tiegħi, jiġi għandna bi swied il-qalb biex jgħidilna li se jsiefer lejn l-Awstralja. L-istess għadni niftakar fi tfuliti, familja ħdejna b'mara

*ikompli f'paġna 119*



ta' sitt itfal li kien jisimha Nena li wkoll siefret ma' ommha Pawla għax żewġha kien diġà telaq qabel biex jirranġa kollox u jibgħatilhom dak kollu li hemm bżonn u fejn għandhom jiltaqgħu. Dawn marru l-Awstralja bil-vapur u dak iż-żmien il-vjaġġ kien jieħu xahar. Peress li ommha kienet avvanzata fiż-żmien il-vjaġġ bil-baħar kiddha ħafna u mietet. Darba waħda vjaġġ bil-vapur li kien jismu SS Scobrine bi grupp ta' emigranti Maltin kien ħa n-nar imma b'xorti tajba ġie salvat kulħadd u ftit wara l-vapur kien għereq.



Ta' min ngħidu li mal-wasla tagħhom f'dik l-art fejn ikunu emigraw mhux dejjem sabu kollox ward u żgħar. Uħud ma sabux l-akkomodazzjoni li ħasbu għax kienu jridu joqogħdu man-nies u mhux l-ewwel darba li ma sabu lil ħadd jistenniehom. Għal uħud il-kundizzjonijiet tax-xogħol ukoll ma kinux kif kienu basru waqt li għal oħrajn il-lingwa kienet ta' tfixkil. Fuq dawn id-diffikultajiet u anki dwar l-isfruttament ta' dawn l-emigranti nkiteb il-famuż rumanz ta' Juan Mamo li jismu 'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka'; rumanz li kien tqassam bħala faxxikli bejn l-1930 u l-1931. Għalkemm ġibed ċerta simpatija qanqal ukoll ħafna kritika. Mamo jixli lill-Maltin ta' skola li sfruttaw u abbandunaw lil ħuthom stess iżda ma jeħodhiex kontra l-kolonizzaturi Brittaniċi li m'għamlux wisq biex jgħinu lill-massa tal-poplu joħroġ mill-faqar.

Ħalli nsemmi episodju ieħor dwar l-emigrazzjoni. Darba waħda kont id-dwana l-antika tal-Belt minn fejn kienu jitilqu l-emigranti. Dawn ma kinux jitilgħu dirett fuq il-vapur bħal-lum imma bid-dgħajsa tal-pass għax dak iż-żmien il-vapur ma kienx jittrakka mal-moll. Niftakar il-vapur kien jismu 'Roma' u kien ta' xi kumpanija Taljana.



*ikompli f'paġna 123*



Qalb l-emigranti kien hemm omm qiegħda tagħti l-aħħar tislima lil binha ġuvni imma qabel ma telgħet fuq il-vapur din ma tatux xi ċurkett jew ritratt tagħha jew ta' missieru imma minn ġol-basket li kellha ħarġet il-kuruna tar-rużarju biex ma jinsiex lill-Madonna fit-talb tiegħu. Jien dak il-ħin ħassejtni kommoss għal dan il-ġest li għamlet.

Barra minn familji sħaħ li emigraw kien hawn skema oħra; dik tat-tfal orfni jew kif insibuha *child migration*. Sa min età ferm żgħira ta' sitta jew seba' snin kienu jiġu emigrati lejn l-Awstralja. Min jaf x'kien id-destin tagħhom? F'dan is-suġġett ma nixtieqx inħalli barra sezzjoni ta' nies li ġiet imġiegħla bilfors titlaq lil art twelidha – *force migration*. Fost dawn jispikkaw persuni bħal Manwel Dimech, Nerik Mizzi u sħabu li waqgħu vittma tal-ideal tagħhom. U fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq insemmi l-missjunarji Kapuċċini, uħud minnhom mill-Marsa, foshtom Patri Pelagio u Patri Mawrizjo, li ħallew lill-familja tagħhom u lil sħabhom Kapuċċini biex ixandru l-kelma t'Alla f'art imbiegħda.

Nixtieq minn hawn insellem lill-emigranti Marsin li jiġu jżuruna matul il-jiem tal-festa.

Minn qalbi nagħti l-festa t-tajba lill-Marsin kollha.